# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta tal-Erbgha 14 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru : 38/2016 JPG**

**Kawza Numru : 3**

**Antonia Attard Gialanze (ID 497647M) f'isimha proprio ghan-nom ta' AAG Limited**

**VS**

1. **Segretarju permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**
2. **Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**
3. **L-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu.**

**U b'digriet tal-20 ta' Dicembru, 2016, l-konjugi Joseph u Francesca Ghiller intervenuti in statu et terminis.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Antonia Attard Gialanze (ID 497647M) f'isimha proprio ghan-nom ta' AAG Limited, datat 26 t'April 2016,a fol 1 et seqq, li jaqra hekk;

Jesponu bir-rispett:-

*Illi fit-30 t'Ottubru 2012, Joseph u Francesca konjugi Ghiller intavolaw quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili rikors guramentat kontra l-esponenti fejn fost ohrajn talbu il-Qorti:*

> *'tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati abbuzivamnet poggew tegole, ossia madum, ta' l-asbestos li jestendu u jinvadu ghal fuq il-propjeta' tar-rikorrenti,oltre li jiddergu l-perkolazzjoni ta' l-ilma ghal fuq il-propjeta' tar-rikorrenti'.*

*Illi fl-imsemmija kawza bdew jitressqu l-provi u fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2014 il-konjugi Ghiller qua atturi fil-kawza ghalqu l-provi taghhom salv ghal xi provi dokumentarji li evenwalment gew prezentati fir-registru tal-Qorti.*

*Illi f-dan l-istadju ghalhekk il-kawza thalliet ghall-provi ta' l-esponenti bhala konvenuti.*

*Illi fl-udjenza tat- 3o t'April 2014,Joseph Ghiller informa lill-Qorti li kien hemm sitwazzjoni ta' periklu, u l-Qorti halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghat-13 ta' Mejju 2014,b'dana illi jekk ma jingiebux provi dakinhar, il-Qorti kienet ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-provi li kellha quddiemha.*

*Illi fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2014, il- Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar biex jirrelata dwar din il-kawza, b'dana illi hu kellu jaghmel acces malajr kemm jista' jkun, u jekk jirriskontra sitwazzjoni ta' periklu,kellu jinforma lill- Qorti minnufih,bl-ispejjez provvizorjament ghall-konjugi Ghiller.*

*Illi sa l-udjenza tat-13 ta' Novembru 2014,hames xhur wara l-hatra tieghu,il-komunika lill-Perit Tekniku Mario Cassar kienet ghadha ma saritx,u dan kif jirrizulta mill-verbal.*

*Illi fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2015,il-Qorti rrilevat li in vista tas-seduta tal-perit tekniku,li dwarha hija giet infurmata permezz ta' e-mail mil-istess perit, tirriserva li tipprovdi dwar il-periklu in camera. F'din l-udjenza l-avukat sottoskritt ghall-esponenti kien irrileva illi l-perikolozita' imminent imsemmija fil-verbal fis-seduta quddiem il-Perit Tekniku hija kontestata da parti tal-konvenuti, u l-istruttura msemmija ma kinitx perikoluza.*

*Illi direttament wara,u cioe' fit-3 ta' Gunju 2015,l-esponenti intavolaw nota li fiha rrilevaw l-preokkupazzjoni taghhom dwar il- fatt li dina l-Onorabbli Qorti kienet qed tiddikjara li ser tiddeciedi dwar il-mertu f'dan l-istadju tal-kawza, meta din kienet ghadha ma thallietx ghas-sentenza, u meta l-*

*konvenuti kienu ghadhom qed iressqu l-provi taghhom.Irrilevaw ukoll punti ta' indole procedurali partikolament dwar dak li jiddisponi l-Artikolu 229 (3) tal- Kap.12 tal- Ligijiet ta' Malta.*

*Illi permezz ta' rikors tat-30 ta' Gunju 2015,il- Perit Tekniku Mario Cassar informa lil din l-Onorabbli Qorti li l-istruttura in kwestjoni,skond l-opinjoni tieghu,hija perikolanti u talab direzzjoni.*

*Illi sussegwentement,fl-udjenza tat-8 t'Ottubru 2015 (tliet xhur wara n-nota tal-Perit Cassar appena msemmija) il-Qorti tat digriet seduta stante li bih ordnat li fi zmien hmistax (15)-il gurnata minn dakinhar kellha titnehha l-istruttura ta' l-injam li qed izomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terazzin tas-socjeta' konvenuta, u dan peress illi skond ma' diga rrelata l-Perit Tekniku, din l-istruttura, kienet perikolanti.*

*Illi permezz ta' rikors prezentat fis-16 t'Ottubru 2015,l-esponenti talbu permess specjali lill-Qorti sabiex jappellaw mid-digriet appena msemmi tat-8 t'Ottubru 2015,minhabba r-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors,fost ohrajn minhabba illi l-esponenti,bhala konvenuti,kienu ghadhom qed igibu l-provi taghhom u l-Qorti bid digriet taghha kienet prattikament iddecidiet fuq materja li hija pjenament parti mill-mertu tal-kawza, qabel ma nghatat is-senteza finali nfisha. Dan id-digriet inghata semplicement fuq osservazzjoni (lanqas relazzjoni mahlufa) tal-Perit Tekniku.*

*Illi f'dak l-istess rikors l-esponenti kienu lmentaw li d-digriet tat-8 t'Ottubru 2015 kien mar direttament kontra l-principju ta' l-audi alteram partem, fejn il- Qorti, minghajr ma semghet lill-partijiet,ghaddiet biex taghti digriet purament fuq osservazzjoni tal-Perit Tekniku,kif intqal mill-Qorti stess fid-digriet taghha,minghajr lanqas ma tat l-opportunita' lill-partijiet,imqar fi zmien akkorcjat li tistipula l-Qorti,jattakkaw l-istess osservazjjoni. L-esponenti f'dak l-istadju rrilevaw ukoll illi l-Qorti ma setghetx tiddeciedi parti (kbira) mill-mertu,kif fil-fatt ghamlet, semplicement permezz ta'digriet. Il-forma tad-digriet mhijiex hemm sabiex tiddetermina l-mertu ta' kawza; dan ghandu jsir biss b'sentenza li tkun tista' tghaddi in gudikat,mentri digriet la jista' jghaddi in gudukat u lanqas ghandu l-effetti ta' sentenza, li biha wiehed ikun jista' jesegwixxi l-ordni tal-Qorti. L-esponenti ghalhekk kienu talbu lill-Qorti tisma' lill-partijiet u taghtihom permess specjali sabiex jappellaw mid-digriet taghha tat-8 t'Ottubru 2015.*

*Illi permezz ta' digriet tat-23 t'Ottubru 2014, il- Qorti ordnat in-notikifa tar-rikors imsemmi,b'hamest'ijiem ghat-twegiba. Sussegwentement, fid-9 ta' Novembru 2015, il- Qorti tat digriet illi fih irrilevat illi 'peress illi si tratta ta' sitwazzjoni ta' periklu mhux ghaqli ghalhekk aktar dewmien',u cahdet it-talba.*

*Illi sussegwentement, permezz ta' rikors iehor prezentat fit-18 ta' Dicembru 2015, l-esponenti talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tad-9 ta'Novembru 2015, u tappunta ghas-smiegh ir-rikors taghhom tas-16 t'Ottubru 2015 ai termini ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,sabiex wara s-smiegh, tghaddi ghad-digriet finali dwar il-mertu tar-rikors. Ir-raguni ghal din it-talba kienet peress illi l-Qorti ma kinitx appuntat dan ir-rikors sabiex tisma' lill-partijiet.*

*Illi permezz ta' digriet tal- 21 ta' Dicembru 2015,il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir rikors b'ghaxart'ijiem ghat-twegiba. Matul l-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2016,sussegwentement, il- Qorti laqghet it-talbiet fir-rikors tat-18 ta' Dicembru 2015, u ghalhekk irrevokat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2015 li bih kienet cahdet it-talba ta' l-esponenti ghal permess specjali ghal appell.*

*Illi dakinhar stess ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 2016, il- Qorti semghet lill- partijiet jittrattaw it-talba kontenuta fir-rikors tas-16 t'Ottubru 2015 u pposponiet il-kawza ghal digriet.*

*Illi dakinhar stess ukoll, il- Qorti tat digriet fejn irrilevat illi hawn si tratta ta' sitwazzjoni perikoluza, m'huwiex ghaqli ebda ewmien, u ghalhekk cahdet it-talba ghal permess specjlai biex isir appell.*

*Illi permess ta' nota prezentata fit-3 ta' Marzu 2016, il-konjugi Ghiller rrilevaw li l-istruttura de quo kienet ghadha ma tnehhietx.*

*Illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2016 il-Qorti regghet insitiet ma' l-esponenti biex jottemperaw ruhhom ma' l-ordnijiet taghha moghtija f'din il-kawza, [u] fin-nuqqas jigu inijzati proceduri ghad-disprezz, filwaqt li tat gimgha zmien lill-esponenti sabiex jirrispondu ghan-nota tal-konjugi Ghiller tat-3 ta' Marzu 2016.*

*Illi l-esponenti wiegbu ghal din in-nota permezz ta' risposta pprezentata fit-30 ta' Marzu 2016.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi s-sitwazzjoni li nholqot f'dil-kawza hija ghal kollox anomala u dan peress li jidher car illi qabel m'ghaddiet ghas-senteza finali, il-Qorti, permezz ta' semplici digriet li minnu gie anke michud id-dritt t'appell ai termini ta' l-Artikolu 220 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet parti mill-mertu tal-kawza, sentjatament it-tieni talba tal-konjugi Ghiller fir-rikors guramentat.*

*Illi ghalhekk irrizultat sitwazzjoni ta' pregudizzju kbir ghall-esponenti, fejn filwaqt li ghadhom qed igibu l-provi taghhom, inkluz fost ohrajn fuq din l-istess tieni talba,il-Qorti qatghetilhom fil-qasir u ddecidiet dak l-istess mertu li kienu ghadhom ma ngabux il-provi kollha dwaru.*

*Illi ghalhekk una volta li l-Ewwel Qorti diga' iddeliberat fuq parti mill-meritu tal-kawza,li eventwalmet ser jifforma parti mil-gudizzju finali, huwa manifestament car li minn meta nghata d-digriet sudett sakemm tkun prolatata s-sentenza finali ma jista' jkun hemm qatt dik l-imparzjalita' w indipendenza tal-Qorti diga' esprimiet ruhha fuq il-mertu li ghad trid tiddeciedi finalment.*

*Illi dan kollu jjindika bic-car illi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti fost ohrajn ta'smiegh xieraq qieghed jigi palezament miksur,u dan bi ksur ta' l-Artikolu 30 tal-Kostituzzjoni ta'Malta, kif ukoll Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Illi dan l-agir jikser ukoll id-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta' da parti ta' l-esponenti,u dan bi ksur ta' Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmijsa,l-esponenti qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti illi:-*

1. *Tiddikjara li minahbba dan kollu fuq spjegat gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponenti u senjatament ghal dawk sanciti mill-Artikoli suddetti;*
2. *Joghgobha taghti dawk il-provvedimenti u dawk l-ordnijiet kollha possibli sabiex jitharsu dawn id-drittijiet,inkluz izda mhux biss it-thassir ta' l-ordni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 t'Ottubru 2015.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-risposta ta' l-intimati, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tal-Avukat Generali, datata 13 ta' Mejju 2016, a fol 10 et seqq, li taqra hekk;

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt peress li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezantaw l-ebda  l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentli u ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

1. *Illi preliminarjamnet, is-Segretarju Permanenti fil- Ministeru tal-Gustizzja,Kultura u Gvern Lokali mhux il-legittmu kuntradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi fil-mertu, fil-kaz imsemmi fir-rikors,wara li xtarret ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar, il- Prim'Awla tal-Qorti Civili hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex tizgura li ma jkun hemm l-ebda forma ta' perikolu u dan sabiex tipprevjeni kwalunkwe incidenti li jista' jkollhom konsewgwenzi serji;*

3. *Illi l-fatt li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili mxiet b'dan il-mod ghaqli zgur lib l-ebda mod ma jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

4. *Tajjeb li jigi nnutat ukoll li din il- kwistjoni giet fil-fatt trattata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2016 u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tilmenta li nkisrilha d-dritt ghal smigh xieraq;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat r-risposta tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali,a fol 12 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari l-eccipjenti m'huweix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra rikorrent;*

2. *Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal xi nuqqas minn naha tal-esponenti u ghalhekk anke minn dan il-lat,it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxu l-ilment taghhom ghad-Digrieti moghtija mill- Prim'Awla tal-Civili u ghal din l-anjanza zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti.*

4. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fli-ismijiet* ***George Xuereb vs Registaru tal-Qorti et*** *deciza mil-Qorti Kosistuzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:*

   *'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mil-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti,li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontraditur.'*

5. *Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-anjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponent li lanqas biss kien parti fil-proceduri.*

6. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

   *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezantax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakat bir-rikors promotorju- anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi- u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il- livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*

7. *Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 13 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet* ***Dr.Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;***

8. *Illi fil-meritu l-esponenti jirrileva li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrenti.*

9. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

Rat il-verabel tat- 23 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti ordnat li l-eccezzjonijiet preliminari jigu decizi mas-sentenza finali.

Rat id-digriet taghha ta l- 20 ta' Dicembru 2016,fejn il-konjugi Joseph u Francesca gew ammessi bhala intervenuti fil-kawza, in statu et terminis.

Rat r-risposta ta' Joseph (ID No:553455M) u Francesca (ID No:510360M) konjugi Ghiller,datat 30 ta' Dicembru 2016, a fol 34 et seqq, li taqra hekk;

1. *Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-esponenti gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-20 ta' Dicembru 2016;*

2. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt peress li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u ai termini tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-kaz imsemmi fir-rikors, wara li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili xtarret ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar, hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex tizgura li ma jkun hemm l-ebda forma ta' periklu u dan sabiex tipprevjeni kwalunkwe incidenti li jista' jkollhom konsegwenzi serji. Irid jinghad li minkejja li l-Perit Cassar iddikjara bl-aktar mod skjett li hemm aspett ta' perikolu,r-rikorrenti baqghet tirrifjuta u ssib skuzi u mezzi legali biex ittawwal il-proceduri bies sal-lum il- gurnata,minkejja d-digriet u l-ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u minkejja d-dikjarazzjoni tal- Perit Cassar bhala Perit tal-Qorti ghadha ma ottemporatx ruhha mal-istess digriet u ghadha qed tirrifjuta li tnehhi kull aspett ta' perikolu b'dan li l-esponenti ghadhom jghixu fil-perikolu u dan ghad-detriment kemm tas-serhan tal-mohh taghhom kif ukoll ghad-determinat tal-godiment tal-propjeta' taghhom;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,il-fatt li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili mxiet b'dan il-mod ghaqli zgur lib l-ebda mod ma jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikkorrenti, anzi li kieku ma sarx hekk, kienu jinkisru d-drittijiet fundamentali tal-esponenti li ghadu sal-lum qieghed jitpogga f'sitwazzjoni u f'ambjent perikoluz mir-rikorrenti peress li din tal-ahhar ghadha ma tridx taderixxi mad-digriet tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u tnehhi kull aspett li jipperikola hajjet l-istess esponenti u kull min ikun fir-residenza taghhom;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost m'huwiex minnu li permezz ta' tali digriet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-mertu tal-kawza odjerna izda ttiehdet biss azzjoni ta' prekawzjoni biex jigi evitat xi incident jew xi tragedja. Fil-fatt, jekk ir-rikorrenti taghmel dak li giet ordnata taghmel fil-mori tal-kawza odjerna,xorta jkun hemm talbiet x'jigu decizi mil istess Onorabbli Qorti u zgur li ma jistax jinghad li l-mertu tal-istess kawza se jkun ezawrit;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jista' qatt ikun hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq kif qed jigi allegat mir-rikorrenti meta:*

   (a) *L-istess rikorrenti kienet prezenti ghall-access li sar mill-Perit tal-Qorti Mario Cassar u kellha kull opportunita' li turi jew tipprova tfiehem lill-istess Perit ghaliex skond hi ma kienx hemm periklu ghall-esponenti; u*

   (b) *Ex-admissis fil-premessi tal-kawza odjerna tiddikjara li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili **semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors tas-16 ta' Ottubru 2015** ghaliex dan ifisser li l-Onorabbli Qorti tat l-stess opportunita' liz-zewg partijiet sabiex jghidu dak li kellhom jghidu dwar jekk ir-rikorrenti ghandhiex tinghata l-opportunita' li tappella mid-digriet tat- 8 t'Ottubru 2015 jew le;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza odjerna hija mezz iehor sabiex ir-rikorrenti tkompli tahli iz-zmien kemm tal-esponenti kif ukoll ta' din l-Onorabbli Qorti ghaliex assolutament ma tridx tnehhi xejn minn fuq il-propjeta' taghha u qed taghmel*

*minn kollox biex tirbah iz-zmien u ttawwal il-proceduri kemm tiflah. Tant hu hekk li wara li ntavolat il-kawza odjerna,tablet ukoll is-soprasessjoni tal-kawza fl-ismijeit Joseph Ghiller et Vs AAG Limited et (Rikors Guramentat Numru 1086/12 AF) b'dan li d-digriet dwar talo soprasessjoni ghadu pendenti. Dan sar wara numru ta' manuvri legali u tentattivi sabiex jintrebah iz-zmien, fosthom talba sabiex l-Imhallef Felice tirrikuza ruhha (ara l-verbal tal-kawza hawn imsemmija data it- 12 t'April 2016) kif ukoll talbiet ghal appell minn tali digriet. Naturalment dan kollu hu hin mirbuh ghar-rikorrenti u detriment ghall-istess esponenti li ma jistghux igawdu l-proprjeta' taghhom u li ghadhom qed jitpoggew fil-perikolu minahbba l-inadempjenza da parti tar-rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijet ohra.*

Semghet ix-xiehda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ecceppew illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi fil-proceduri odjerni u li ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali il-Qorti tqis illi huwa indiskuss illi ma jistghax jirraprezenta lill-Istat f'dawn il-proceduri fejn qed isir ilment rigward l-agir tal-Qorti nnifsiha, u ghalhekk tqis illi l-eccezzjoni tieghu hija fondata u qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza minn din il-Qorti

diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 2002 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2008, fejn intqal illi:

> **"…*ir-Registratur tal-Qorti ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari w lanqas ma kien involut b'xi mod fil-materja, il-meritu tar-rikors promotur. Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistghax hawnhekk ikun legittimu kontradittur.*"**

Il-Qorti tqis illi bl-istess mod, peress illi l-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawza huwa dwar l-operat tal-Qorti, ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ma jistghax ikun il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, u ghalhekk din l-eccezzjoni hija fondata.

**Ikkonsidrat:**

Il-kuncett ta' mizuri ta' protezzjoni interim, jew *pendente lite*, ghad-drittijiet u l-interessi ta' partijiet f'kawza, huwa wiehed li jinsab implementat mhux biss fis-sistema legali nostrana, izda wkoll f'dik ta' diversi sistemi legali domestici, u internazzjonali, bhal ma hija l-Qorti tal-Gustizzja Internazzjonali[1] u Qrati Regjonali, bhala ma' huma il-Qorti ta' Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja[2] u l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.[3] Fir-rigward ta' dawn it-tip ta' mizuri, gie argumentat illi l-Istat huwa obbligat illi jpoggi fis-sehh sistema li tipprovdi ghal possibilita li Qorti taghti rimedji interim fejn dan huwa necessarju, ghaliex dan huwa obbligu naxxenti mid-dritt ta' smiegh xieraq fiz-zmien ragjonevoli in konnessjoni mad-dritt ghall-access ghal Qorti, jew protezzjoni effettiva

[1] Statute of the International Court of Justice, Artikolu 41.
[2] Treaty on the Functioning of the European Union, Artikolu 279.
[3] Rules of the Court, Rule 39.

mill-Qrati[4]. Dan ir-ragunament jidher li huwa wiehed abbracjat mill-Qorti ta' Strasbourg, li filfatt kemm il-darba ikkonkludiet illi n-nuqqas ta' Stat li jimplimenta l-mizuri interim ordnati minnha, huwa minnu nnifsu ksur tad-drittijiet fondamentali tal-applikant sanciti permezz tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni.[5]

Il-Qorti tinnota filfatt illi l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja diga kellha l-okkazzjoni li tiddetermina li huwa accettabbli li Qorti tordna mizuri *pendenti lite,* b'dan illi ghall-oghti ta' tali mizuri, tapplika l-protezzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.[6] Minn naha taghha, il-**Grand Chamber** tal-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza fl-ismijiet **Micallef v. Malta** rreteniet illi jekk id-dritt in kwistjoni fid-determinazzjoni tal-mizura pendenti lite jigi klassifikat bhala wiehed 'civili'[7], u jekk il-mizura pendente lite effettivament tiddetermina dan id-dritt civili, allura d-dritt tal-partijiet ghal smiegh xieraq ,ghandu jigi garantit u protett waqt din il-parti tal-proceduri, b'dan izda, illi minhabba n-natura tal-proceduri ghall-oghti ta' mizuri pendente lite, mhux neccessarju li kull *safeguard* procedurali jigi onorat f'din il-parti tal-proceduri jekk dan ma jkunx possibbli, bhal per ezempju meta l-kwistjoni tkun wahda ta' natura urgenti.[8] Il-Qorti tifhem b'dan illi skont il-Qorti ta' Strasbourg, huwa permissibbli illi l-Qrati Civili jaghtu mizuri pendenti lite fejn ikun bzonn, basta illi meta l-Qorti tkun qed tiddetermina l-oghti ta' dawn il-mizuri, tipprotegi d-dritt tas-smiegh xieraq tal-partijiet, safejn dan ikun ragonevolment possibbli.

Il-Qorti taghraf illi filfatt, l-oghti ta' provvedimenti pendente lite huwa kuncett accettat minghajr kontestazzjoni jew kontroversja fis-sistema legali Maltija. Infatti f'certu proceduri, u senjatament f'dawk tal-familja, l-oghti ta' provvedimenti pendente lite dwar kura u kustodja, access, manteniment, min ghandu jirrisjedi fid-dar matrimonjali fil-mori tal-kawza u kwistjonijiet simili, huma kollha generalment regolati pendente lite permezz ta' digrieti tal-Qorti tal-Familja. Huwa nkontestat ukoll illi bl-oghti ta' dawn it-tip ta'

[4] Vide per ezempju: S Sierra 'Provisional Court Protection in Administrative Disputes in Europe: The Constitutional Status of Interim Measures deriving from the right to Effective Court Protection. A Comparative Approach', 10:1 European Law Journal (2004) 48); S Hoehl, *Vorläufiger Rechtsschutz im verwaltungsgerichtlichen Verfahren unter besonderer Berücksichtigung des Europarechts* (Vienna, 1999) 87.
[5] Vide per ezempju: **Mamatkulov and Askarov v. Turkey,** ECHR 46827/99 u 46951/99, decizi 4 ta' Frar 2005; **Paladi v. the Republic of Moldova,** ECHR 39806/05, deciza 10 ta' Marzu 2009; **Kondrulin v. Russia,** ECHR 12987/15, deciza 20 ta' Settembru 2016.
[6] **Denilauler v. SNC Couchet**, ECJ 125/70, deciza 21 May 1980.
[7] Skont l-interpretazzjoni awtonoma moghtija lil dan il-kuncett ai termini tal-Artikolu 6
[8] **Micallef v. Malta,** ECHR 17056/05, deciza 15 ta' Ottubru 2009. Vide wkoll **Komanicky v. Slovakia,** ECHR 40437/07 deciza 12 ta' Gunju 2012.

provvedimenti pendente lite, il-Qorti tal-Familja ma tkunx qed taghti decizjonijiet fuq il-meritu qabel ma tisma' l-provi kollha, nonostante l-fatt illi dawn il-kwistjonijiet kollha huma parti krucjali ta' proceduri ta' separazzjoni jew ta' kura u kustodja ta' minuri.

Il-Qorti ma taqbilx mal-ilment tar-rikorrenti illi permezz tad-digriet taghha pendente lite, il-Prim'Awla diga iddecidiet parti mill-kontroversja ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti taghraf illi permezz tad-digriet taghha, il-Prim'Awla ma ghamlitx determinazzjoni tal-meritu tal-kawza, fis-sens illi ma ddeterminatx jekk l-istruttura in kwistjoni kienitx saret b'mod abbuziv jew illegali. Minflok, il-Prim'Awla iddeterminat biss jekk kienx minnu li kien hemm sitwazzjoni ta' perikoli ghall-konjugi Ghiller, fatt illi huwa kompletament indipendenti mill-kwistjoni ta' jekk l-intimati, (ir-rikorrenti odjerni), jistghux b'mod in generali jkollhom din l-istruttura fuq it-terrazzin taghhom. Filfatt, anke jekk il-Qorti kellha tichad it-talba maghmula fir-rikors guramentat tal-konjugi Ghiller rigward din l-istruttura, dan ma jkunx ifisser illi r-rikorrenti odjerni ghandhom *carte blanche* sabiex joholqu jew izommu fis-sehh sitwazzjoni ta' perikolu ghal persuni ohra. Fi ftit kliem, il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti odjerni ghandhomx dritt ikollhom l-istruttura *de quo*, hija kwistjoni kompletament independenti mill-kwistjoni dwar il-perikolu ikkrejat minn din l-istruttura u kif dan ghandu jigi rimedjat. Ebda wahda minn dawn il-kwistjonijiet ma taghmel stat ta' fatt fuq l-ohra. Filfatt, il-Prim'Awla ordnat lir-rikorrenti odjerni sabiex inehhu l-istruttura in vista tal-fatt li skont il-Perit Tekniku mahtur mill-Qorti, din kienet tikkostitwixxi perikolu, u mhux ghaliex l-istruttura kienet meqjusa illegali jew abbuziva, kwistjoni li dwarha ghad irid isir accertament gudizzjali finali. Il-Qorti qiset ukoll il-livell ta' disinteress, t-tul ta' zmien li r-rikorrenti odjerni hadu sabiex iressqu l-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom, li wassal ghall-fatt li l-Prim'Awla kienet ghada ma ppronunzjatx s-sentenza taghha fiz-zmien li giet intavolata din il-kawza. Dak li din l-Qorti trid tiddetermina, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa filfatt jekk **fl-oghti tad-digriet** lamentat, il-Prim'Awla harsitx id-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti odjerni.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Schesztak v. Hungary,**[9] il-kuncett tad-dritt ta' smiegh xieraq:

[9] **Schesztak v. Hungary,** ECHR 5769/11 deciza 21 ta' Novembru 2017. Vide wkoll **Kress v. France,** ECHR 39594/98 deciza 7 ta' Gunju 2001.

> "***means in principle the opportunity for the parties to a trial to ... comment on ... observations filed ... with a view to influencing the court's decision***."

Bl-istess mod, u bi spjegazzjoni akar dettaljata rigward f'xiex jikkonsisti d-dritt ghal smiegh xieraq, fis-sentenza fl-ismijiet **Ozgur Keskin v. Turkey** intqal illi:

> "*The Court reiterates that* ***the possibility for parties to take part in proceedings flows from the object and purpose of Article 6 of the Convention, taken as a whole*** *(see Dilipak and Karakaya v. Turkey, nos. 7942/05 and 24838/05, § 76, 4 March 2014). It further reiterates that* ***the principle of equality of arms requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent*** *(see Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, 27 October 1993, § 33, Series A no. 274, and Avotiņš v. Latvia [GC], no. 17502/07, § 119, ECHR 2016). The general concept of a fair trial, encompassing also the fundamental principle that proceedings should be adversarial, requires that* ***all parties to civil proceedings should have the opportunity to have knowledge of and comment on the observations submitted or evidence adduced with a view to influencing the court's decision*** *(see Nideröst-Huber v. Switzerland, 18 February 1997, § 24, Reports of Judgments and Decisions 1997-I). Above all, that presupposes that* ***the person against whom proceedings have been initiated should be informed of that fact*** *(see Dilipak and Karakaya, cited above, § 77).* ***What is at stake is the litigants' confidence in the workings of justice, which is based on, inter alia, the knowledge that they have had the opportunity to express their views on every document in the file*** *(see Beer v. Austria, no. 30428/96, § 18, 6 February 2001).*"[10]

[10] **Ozgur Keskin v. Turkey,** ECHR 12305/09, deciza 17 ta' Ottubru 2017.

Il-Qorti rat illi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti fil-kawza civili u cioe l-konjugi Ghiller kienu talbu lil Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tordna t-tnehhija ta', fost ohrajn, *tegole* tal-*asbestos* mill-proprjeta tal-intimati (r-rikorrenti odjerni), li skont huma kienu jesporgu u illegalment jinvadu ghal fuq il-proprjeta taghhom, oltre li allegatament jidderigu l-perkolazzjoni tal-ilma ghal fuq il-proprjeta taghhom. Dawn l-allegati fatti gew ikkontestati mill-intimati, u l-Prim'Awla kienet qed tisma' l-provi dwar il-meritu tal-kaz. Fis-26 ta' Novembru 2013, il-kawza kienet giet differita ghal provi tal-intimati, u cioe r-rikorrenti odjerni, wara li l-konjugi Ghiller kienu ddikjaraw illi l-unika provi li kien ghad fadlilhom kienu dokumenti, li filfatt kienu gew prezentati fir-Registru fis-6 ta' Jannar 2014 u notifikati lill-avukat difensur tal-intimati fid-9 ta' Jannar 2014. Fl-udjenza li kien imiss, l-intimati ma dehrux u kien deher ghalihom l-avukat difensur taghhom, li nforma lil Qorti li ma kellux komunikazzjoni intimat. Fid-differiment ta' wara, u cioe fit-30 ta' April 2014 la l-intimati u lanqas l-avukat difensur taghhom ma kienu prezenti ghal kawza. Dakinhar l-Qorti kienet giet informata minn Joseph Ghiller illi kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu. Il-Qorti ghalhekk kienet halliet il-kawza ghal ahhar darba ghal provi tal-intimati, u rriservat illi jekk l-intimati ma jingiebux provi kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

F'dan l-istadju din il-Qorti tinnota illi ghalkemm il-kawza kienet ilha mhollija ghall-provi tal-intimati sa mis-26 ta' Novembru 2013, u cioe hames xhur, l-intimati kienu ghadhom ma ressqu ebda provi.

Fid-differiment li kien imiss, u cioe fit-13 ta' Mejju 2014 ghal darb ohra, la l-intimati u lanqas l-avukat difensur taghhom ma dehru, u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tal-intimati maghluqa u ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali. Jumejn wara dan, l-intimati prezentaw rikors fejn talbu lil Qorti tippermettilhom jipprezentaw il-provi taghhom qabel ma tghaddi ghas-sentenza, u l-Qorti kienet laqghat din it-talba u ordnat illi l-intimati jressqu l-provi kollha li kellhom sas-seduta li kien imiss. Fis-seduta li kien imiss, l-intimati producew erba' xhieda, li gew kontro-ezaminati mir-rikorrenti, giet prezentata nota b'dokumenti, u l-Qorti, filwaqt li halliet il-kawza ghal kontiwazzjoni, hatret lil Perit Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jaghmel access malajr kemm jista' jkun u jinforma lil Qorti minnufih jekk jirriskontra xi sitwazzjoni ta' perikolu.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, l-intimati u l-avukat difensur ghal darba ohra regghu ma dehrux, ghalkemm il-kawza kienet giet imsejha darbtejn. L-avukat difensur tal-konjugi Ghiller kienet informat lil Qorti, li wara l-maltemp, is-sitwazzjoni kienet kompliet taggrava ruhha, u ghalhekk il-Qorti kienet ordnat l-komunika ulterjuri lil Perit Cassar, u ordnat lill-intimati illi jaghlqu l-provi taghhom fis-seduta li kien imiss. Nell frattemp, l-intimati resqu provi quddiem il-Perit Tekniku sabiex jirribattu l-allegazzjoni tal-konjugi Ghiller li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu.

Minn naha tieghu, wara li ra l-provi mressqa mill-intimati, u zamm access fil-fond in kwistjoni, il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-istruttura tal-injam li kienet qed izomm il-*corrugated sheeting* kienet perikolanti, specjalment f'kaz ta' rih qawwi u ghalhekk talab id-direzzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward u dan kif jidher mir-relazzjoni tieghu tat-30 ta' Gunju 2015. Fl-10 ta' Lulju 2015, l-intimati prezentaw rapport ta' perit inkarigat minnhom, u cioe l-Perit Joseph Spiteri, li kien tal-opinjoni li din l-istruttura ma kienetx perikolanti, u li kellha biss terga tigi ezaminata fi zmien sena.

In vista tar-rapport tal-Perit Tekniku, il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015, ordnat it-tnehhija immedjata tal-istruttura tal-injam li kienet qed izomm il-*corrugated sheeting* li jinsab fuq it-terrazin tal-proprjeta tal-intimati. L-intimati ghalhekk talbu permess sabiex jappellaw dan id-digriet fis-16 ta' Ottubru 2015, liema talba kienet giet michuda mill-Qorti peress li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu u ghalhekk ma kienx ghaqli li jkun hemm aktar dewmien. L-intimati prezentaw rikors iehor fit-18 ta' Dicembru 2015 fejn talbu lil Qorti sabiex tirrevoka l-imemmi digriet *contrario imperio* u tappunta r-rikors taghhom ghas-smiegh, peress illi qabel ma tat id-digriet impunjat, il-Qorti ma kienetx semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet *viva voce.* Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016, il-Qorti laqghat it-talba, rrevokat id-digriet imsemmi u semghat it-trattazjoni tal-partijiet fuq ir-rikors tas-16 ta' Ottubru 2015, wara liema cahdet l-istess rikors peress li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu, u kien dan li wassal lill-intimati sabiex jintavolaw il-proceduri odjerni.

Ikkonsidrat dan, din il-Qorti hija tal-fehma li assolutament ma jistghax jinghad li gie lez id-dritt tar-rikorrenti odjerni ghas-smiegh xieraq, ghaliex jidher bic-car illi l-Prim'Awla akkordat li-rikorrenti opportunita' piena illi jipprezentaw il-provi u s-sottomissjonijiet taghhom dwar it-talba tal-konjugi Ghiller, u akkordat anke c-cans illi jipprezentaw il-provi taghhom fil-meritu minkejja d-dizinteress taghom fil-kawza, n-nuqqas ta' dehriet taghhom

quddiem il-Qorti b'mod repetut, tant illi bdew jipproduci l-provi taghhom aktar minn sitt xhur wara li l-kawza kienet giet differita ghal provi taghhom. Il-Qorti tikkonsidra illi minn ezami tal-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla, il-Prim'Awla harset bir-reqqa id-dritt tar-rikorrenti odjerni ghas-smiegh xieraq, u ghalhekk l-ilment taghhom f'dan ir-rigward huwa nfondat.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi l-provvediment lamentat tal-Prim'Awla huwa leziv tad-dritt taghhom ghat-tgwadija pacifika tal-proprjeta.

Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol jikkontjeni tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal- ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.[11]

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-Artikolu 1, huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi.[12]

11 **Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et**, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 37/2013, deciza 23 ta' Ottubru 2014.
12 *Idem.*

Dan l-Artikolu jirreferi għall-interess pubbliku jew generali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali.[13] Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew generali jinstabx, huwa dak li jqis jekk f'għemil partikolari joħrogx il-

"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1'.*[14]

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-sid ta' persuna jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux semplici ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni.[15] Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.[16]

Jinsab accettat fil-gurisprudenza illi:

***"...s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'ligi jikkontrolla l-użu tal-gid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l- ħtiega li jintwera (mill-istess Stat) l-interess generali u l-bilanc xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita', imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma."***[17]

Inoltre, kif spjegat mill-awturi **Van Dijk, van Hoof, Van Rijn u Zwaak:**

*"...as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a*

13 **Mousu' vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et**, Qorti Kostituzzjonali deciza 6 ta' Ottubru 1999.
14 **Sporrong and Lonnroth v. Sweden**, ECHR 7151/75, deciza 23 ta' Settembru 1982.
15 **Cachia vs Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 28 ta' Dicembru 2001.
16 **Francis Bezzina Wettinger vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 10 ta' Ottubru 2003.
17 **Il-Pulizija vs Anthony Seychell**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 44/2004, deciza 5 ta' Mejju 2005.

> *reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant."*[18]

Il-Qorti rat illi f'dan il-kaz, id-digriet fejn il-Prim'Awla ordnat illi titnehha l-istruttura in kwistjoni kien inghata mill-Qorti wara li l-Perit Tekniku minnha mahtur kien irrelata illi din l-istruttura kienet qed tohloq sitwazzjoni ta' perikolu, specjalment f'kaz ta' rih qawwi. Kif jidher mill-gurisprudenza hawn fuq citata, id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta m'huwiex wiehed bla limiti, u fil-fehma tal-Qorti dan id-dritt zgur li ma jistghax jigi invokat mir-rikorrenti sabiex izommu struttura li tqieghed fil-perikolu l-inkolumita fizika ta' persuni ohra. Kif inghad aktar il-fuq, il-Prim'Awla ghada ma ddecieditx jekk din l-istruttura ghandhiex titnehha b'mod permanenti ghaliex ir-rikorrenti odjerni ma kellhomx dritt jaghmluha ab initio, izda ddeciedet sempliciment li ghandha tizzarma sabiex jitnehha l-perikolu li kienet qed tohloq. Il-Qorti tinnota inoltre li f'kaz ta' ezitu favorevoli, r-rikorrenti dejjem ghad jkollhom id-dritt li jirrimpjazzawha jekk iridu jaghmlu hekk. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti anke dan l-ilment huwa nfondat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-Registatur Qrati Civili u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u l-ewwel eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja,**

18 Van Dijk, van Hoof, Van Rijn and Zwaak, *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (2006) pg 888 – 890.

**Kultura u Gvern Lokali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-Avukat Generali, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**